

Brussell, 20 ta' Frar 2026
(OR. en)

6605/26

SOC 94
EMPL 38
ECOFIN 236
EDUC 54

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2026 - <i>Approval</i>

1. Il-Presidenza ħejjiet l-abbozz meħmuż ta' sett ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2026.
2. Dan l-abbozz ta' Konklużjonijiet ġie ppreżentat fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fid-19 ta' Frar 2026. F'din il-laqgħa, intlaħaq qbil fil-prinċipju dwar it-test kif ippreżentat mill-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.
3. Għaldaqstant, il-Kumitat mistieden jibgħat lill-Kunsill (EPSCO) l-abbozz ta' Konklużjonijiet meħmuż għall-approvazzjoni fis-sessjoni tiegħu fid-9 ta' Marzu 2026.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2026

1. FILWAQT LI JILQA' l-fatt li, minkejja l-inċertezzi ekonomiċi u ġeopolitiċi akbar, fl-2024, is-suq tax-xogħol tal-UE kompli juri reżiljenza sinifikanti, fejn ir-rata ta' impjiegi żdiedet għal 75.8 % (żieda ta' 0.5 punti perċentwali mill-2023)¹ u r-rata tal-qgħad naqset għal livell rekord ta' 5.9 % (tnaqqis ta' 0.2 punti perċentwali mill-2023).² FILWAQT LI JILQA' l-fatt li l-impjiegi komplew jiżdiedu fl-ewwel nofs tal-2025, fejn ir-rata ta' impjiegi laħqet rekord għoli ġdid ta' 76.2 % u kien hemm tnaqqis ulterjuri fid-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi għal 10.0 punti perċentwali fl-2024. FILWAQT LI JINNOTA li t-tkabbir fl-impjiegi qed jiġi xprunat fil-biċċa l-kbira minn parteċipazzjoni oġġla tal-forza tax-xogħol, bil-ħolqien tal-impjiegi kkonċentrat fis-servizzi u fis-settur pubbliku. FILWAQT LI JFAKKAR li hemm bżonn li jkomplu jittejbu l-eżiti tas-suq tax-xogħol ta' gruppi sottorappreżentati. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li t-titjib fis-suq tax-xogħol ma ssarrafx fi tnaqqis proporzjonat fil-faqar u l-esklużjoni soċjali fl-Istati Membri kollha.
2. FILWAQT LI JFAKKAR li, minkejja l-espansjoni kontinwa tal-impjiegi, it-tkabbir fil-produttività tax-xogħol qed jistaġna – b'0.1 % biss fis-sena bejn l-2021 u l-2024 – u dan jgħid li sfida sinifikanti għall-kompetittività fit-tul tal-Unjoni u huwa ta' piż fuq il-potenzjal tat-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi, l-iżviluppi fil-pagi u l-istandards tal-ġhajxien. FILWAQT LI JENFASIZZA kif it-tisħiħ tal-prestazzjoni ekonomika tal-UE għandu bżonn it-tisħiħ tal-kapaċità innovattiva tagħha, inkluż fost l-oħrajn permezz tat-trawwim tal-kwalità tal-impjiegi u t-tisħiħ tal-kapital uman tal-Ewropa, f'konformità mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jevolvu f'oqsma ta' importanza strateġika għall-Unjoni u f'setturi b'valur miżjud għoli.³

¹ 80.8 % għall-irġiel (żieda ta' 0.4 punti perċentwali mill-2023) u 70.8 % għan-nisa (żieda ta' 0.6 punti perċentwali mill-2023).

² 5.7 % għall-irġiel (tnaqqis ta' 0.1 punti perċentwali mill-2023) u 6.2 % għan-nisa (tnaqqis ta' 0.2 punti perċentwali mill-2023).

³ [Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi dwar id-dimensjonijiet tal-kwalità tal-impjiegi](#), 9417/25.

3. FILWAQT LI JINNOTA li, wara li naqsu fl-2022 u fl-2023, il-pagi reali madwar l-UE żdiedu b'2.7 % fl-2024 minħabba t-tnaqqis fl-inflazzjoni, għalkemm f'xi Stati Membri, baqgħu taħt il-livelli ta' qabel il-COVID-19. FILWAQT LI JFAKKAR, bil-ħsieb li jiġu promossi eżiti tajbin tas-suq tax-xogħol u jitrawmu kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin, fir-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali kif ukoll fl-importanza li jiġu żgurati djalogu soċjali b'saħħtu u negozjar kollettiv effettiv, f'konformità mal-liġijiet u/jew il-prattiki nazzjonali. FILWAQT LI JENFASIZZA li t-tisħiħ tal-impjieg tan-nisa, u b'hekk l-awtosuffiċjenza ekonomika tagħhom, huwa essenzjali biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema f'setturi b'valur miżjud għoli u biex tiġi żgurata r-reżiljenza fit-tul tal-ekonomija tal-Unjoni.
4. FILWAQT LI JINNOTA BI TĦASSIB li 53.7 % tal-impjegati temporanji kollha fl-Unjoni rrapportaw li kienu f'xogħol temporanju b'mod involontarju fl-2024, u li minkejja li kien hemm titjib żgħir, il-kuntratti temporanji għadhom (i.) kważi tliet darbiet aktar komuni fost iż-żgħażaġh; (ii.) aktar prevalenti fost in-nisa milli fost l-irġiel; u (iii.) akkumpanjati minn rati baxxi ta' tranżizzjoni għal kuntratti permanenti f'diversi Stati Membri, bi sfidi persistenti biex jiġi żgurat li tali arranġamenti jservu b'mod effettiv bħala punti ta' tranżizzjoni lejn impjieg stabbli. FILWAQT LI JENFASIZZA li 13.3 % tal-ħaddiema temporanji l-2024 kienu f'riskju ta' faqar⁴, meta mqabbla ma' 5.1 % tal-impjegati b'impjieg permanenti, bil-faqar fost min għandu xogħol l-aktar ikkonċentrat fost il-ħaddiema f'forom ta' xogħol mhux standard, li spiss jesperjenzaw karrieri frammentati, ikollhom intensità tax-xogħol aktar baxxa u qligħ annwali aktar baxx. FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza ta' qligħ adegwat fid-dawl ta' sehem li għadu għoli ta' ħaddiema li qed jiffaċċaw riskji ta' faqar.

⁴ Il-livell limitu tal-faqar huwa ta' 60 % tal-introjtu medju nazzjonali disponibbli ekwivalizzat (wara t-trasferiment soċjali).

5. FILWAQT LI JFAKKAR BI TĦASSIB fir-riżultati ta' PISA tal-2022⁵ u tal-ICILS tal-2023⁶, li juru tnaqqis qawwi fil-ħiliet bażiċi fost l-istudenti madwar l-Unjoni (b'żieda sostanzjali fil-kisbiet insuffiċjenti akkumpanjata minn tnaqqis sinifikanti fis-sehem ta' dawk bl-aqwa prestazzjoni), id-distakk persistenti u sinifikanti marbut mal-isfond soċjoekonomiku (fejn 16.3 % biss tal-istudenti żvantaġġati għandhom prestazzjoni tajba fil-ħiliet bażiċi, meta mqabbla ma' 59.0 % tal-pari aktar vantaġġati tagħhom), kif ukoll il-livelli baxxi ta' litteriżmu diġitali (bi 43 % tal-istudenti mingħajr ħiliet diġitali bażiċi). FILWAQT LI JENFASIZZA li l-ħakma insuffiċjenti tal-ħiliet bażiċi u diġitali tirrappreżenta ostaklu ewlieni għall-mobbiltà soċjali u għat-tkabbir tal-produttività fil-livell makroekonomiku. FILWAQT LI JINNOTA li t-titjib tal-kwalità tal-kapital uman fl-Unjoni huwa essenzjali anki biex jittaffew l-isfidi demografiċi.

⁵ OECD (2023), [PISA 2022 Results \(Volume I\): The State of Learning and Equity in Education](#), OECD Publishing, Paris.

⁶ Fraillon, J. (2025), [ICILS 2023 International Report: An International Perspective on Digital Literacy](#). International Association for the Evaluation of Educational Achievement (IEA).

6. FILWAQT LI JILQA' l-fatt li, matul l-aħħar għaxar snin, it-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ kien fuq xejra 'l isfel⁷, filwaqt li l-kisba tal-edukazzjoni terzjarja rat żieda sostanzjali.⁸ FILWAQT LI JENFASIZZA, madankollu, li madwar wieħed minn kull ħames adulti fl-Unjoni għandu prestazzjoni baxxa kemm fil-litteriżmu kif ukoll fin-numeriżmu, skont id-data tal-OECD tal-2023.⁹ FILWAQT LI JFAKKAR, f'dan il-kuntest, kif it-tkabbir tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol f'setturi strateġiċi jkompli jisboq id-disponibbiltà ta' ħaddiema b'ħiliet xierqa, li jwassal għal nuqqasijiet persistenti fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM) u dixxiplini relatati. FILWAQT LI JIEĦU NOTA f'dan il-kuntest, tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea inkluża fil-Pakkett tal-Ħarifa 2026 – strument ġdid tas-Semestru Ewropew imfassal biex jikkomplementa l-Linji Gwida għall-Politiki dwar l-Impjiegi tal-Istati Membri, b'mod partikolari billi titqies id-dimensjoni tal-kapital uman ta' dawk il-politiki dwar l-impjiegi.

⁷ Minn 11.0 % għal 9.4 % bejn l-2015 u l-2024. Għall-irġiel, it-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ naqas minn 12.5 % għal 11.0 %, filwaqt li għan-nisa naqas minn 9.4 % għal 7.7 %.

⁸ Minn 36.5 % għal 43.1 % bejn l-2015 u l-2023. Għall-irġiel, il-kisba tal-livell edukattiv terzjarju żdiedet minn 31.2 % għal 37.5 %, filwaqt li għan-nisa żdiedet minn 41.8 % għal 48.8 %.

⁹ OECD (2023), [Do Adults Have the Skills They Need to Thrive in a Changing World?: Survey of Adult Skills 2023](#), OECD Skills Studies, OECD Publishing, Pariġi.

7. FILWAQT LI JFAKKAR BI TĦASSIB li l-aċċess għal protezzjoni soċjali adegwata għadu mhux uniformi fl-istati ta' impjieg u t-tipi ta' kuntratti, bil-ħaddiema mhux standard u xi persuni li jaħdmu għal rashom jiffaċċaw lakuni sinifikanti fil-kopertura, u b'hekk jiffaċċaw riskji soċjali ogħla u kwalità tal-impjieg aktar limitata. FILWAQT LI JENFASIZZA li l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar naqas għat-tielet sena konsekuttiva fl-2024, u li ser ikunu meħtieġa aktar sforzi, inkluż biex jiġu indirizzati d-distakki fl-iskemi ta' introjtu minimu¹⁰, li spiss jibqgħu insuffiċjenti biex in-nies ma jibqgħux fil-faqar, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva. FILWAQT LI JAFFERMA MILL-ĠDID, b'mod partikolari, li l-indirizzar tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fost it-tfal huwa essenzjali biex jitkisser iċ-ċiklu interġenerazzjonali ta' żvantaġġ u biex it-tfal kollha jkunu jistgħu jilhqqu l-potenzjal sħiħ tagħhom fis-soċjetà f'konformità mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li x-xejriet demografiċi jkomplu jagħmlu pressjoni fuq l-ekonomiji tagħna, is-swieq tax-xogħol, l-adegwatezza u s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħna, fosthom il-pensjonijiet, kif ukoll fuq is-sistemi tas-saħħa u tal-kura fit-tul. FILWAQT LI JENFASIZZA li ż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol tgħin biex jitnaqqas ir-riskju tagħhom ta' faqar fix-xjuħija, kif ukoll biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet u tal-protezzjoni soċjali. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li politiki ta' protezzjoni u ta' inklużjoni soċjali mfassla tajjeb jistgħu jikkontribwixxu wkoll għal involviment fis-suq tax-xogħol u għal tkabbir fil-produttività.

¹⁰ [Messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva fl-Istati Membri kollha tal-UE, 14905/25.](#)

8. FILWAQT LI JAFFERMA MILL-ĠDID li l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni tibqa' sfida urġenti fl-Unjoni, fejn il-prezzijiet tad-djar fl-UE żdiedu bħala medja f'dawn l-aħħar għaxar snin, madwar 10 % b'mod aktar rapidu mill-introjtu.¹¹ FILWAQT LI JENFASIZZA, f'dan il-kuntest, li fl-2024, 8.2 % tal-popolazzjoni tal-UE kienet tgħix f'unitajiet domestiċi li jonfqu aktar minn 40 % tal-introjtu disponibbli tagħhom fuq l-akkomodazzjoni (fejn ir-rata laħqet il-31.1 % fost il-persuni friskju ta' faqar meta mqabbla ma' 3.8 % għall-bqija tal-popolazzjoni). FILWAQT LI JENFASIZZA li kemm l-akkomodazzjoni soċjali kif ukoll l-appoġġ għall-aċċess għas-sjieda tad-djar jista' jkollhom rwol ewlieni fit-tisħiħ tal-aċċess għal akkomodazzjoni adegwata u affordabbli, iżda l-provvista tagħha għadha ristretta, fost l-oħrajn, minn żieda fil-kostijiet tal-kostruzzjoni, tal-art u tal-finanzjament. FILWAQT LI JFAKKAR li, filwaqt li hemm sfidi u opportunitajiet komuni kif ukoll leġislazzjoni tal-UE li tikkonċerna ċerti aspetti tal-akkomodazzjoni, il-politika tal-akkomodazzjoni tibqa' kompetenza tal-Istati Membri. FILWAQT LI JENFASIZZA li l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar – waħda mill-aktar forom severi ta' esklużjoni soċjali – turi xejra li qed tiżdied f'diversi Stati Membri li għandha tiġi indirizzata permezz ta' soluzzjonijiet immexxija mill-akkomodazzjoni (inkluż l-approċċ "L-Akkomodazzjoni l-Ewwel"), akkumpanjati minn approċċi integrati għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali.¹² FILWAQT LI JINNOTA li l-prezzijiet tal-enerġija li għadhom għaljin jikkontribwixxu għall-faqar enerġetiku u jammontaw għal sehem importanti tal-ġholi tal-ħajja, li jħalli impatt fuq l-istandards tal-għajxien tal-unitajiet domestiċi, kif ukoll fuq il-kompetittività.

¹¹ Cousin G., Frayne C., Dias Martins V. and B. Vasicek (2025), [Housing in the European Union: Market Developments, Underlying Drivers, and Policies](#), European Economy Discussion Paper 228/Ottubru 2025.

¹² Ma hemm l-ebda definizzjoni u miżura armonizzata uniċi għall-UE kollha tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, peress li d-disponibbiltà u l-kwalità tad-data jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri minħabba differenzi fid-definizzjonijiet u fil-metodi tal-ġbir tad-data.

9. FILWAQT LI JENFASIZZA, fid-dawl tal-kuntest soċjoekonomiku msemmi hawn fuq, il-
ħtieġa li titrawwem konverġenza ekonomika u soċjali 'l fuq billi jsir progress fil-miri ewlenin
u nazzjonali tal-UE għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, waqt li jitqies li:
- L-Unjoni qiegħda fit-triq it-tajba biex tissodisfa l-mira tar-rata tal-impjiegi ta' 78 % fl-
2030 (75.8 % fl-2024), fejn seba' Stati Membri diġà kisbu l-miri nazzjonali tagħhom;
 - Għadhom meħtieġa sforzi sinifikanti biex tintlaħaq il-mira tal-ħiliet li sal-2030 mill-
inqas 60 % tal-adulti kollha jipparteċipaw f'taħriġ kull sena fl-UE (39.5 % fl-2022),
b'mod partikolari peress li l-maġġoranza tal-Istati Membri għadhom lura fil-kisba tal-
miri nazzjonali tagħhom;
 - Hemm bżonn aktar sforzi biex tintlaħaq il-mira tal-UE għat-tnaqqis tal-faqar ta' tnaqqis
fl-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali b'mill-inqas 15-il miljun sal-
2030 (inkluż mill-inqas 5 miljun tifel u tifla). Il-pass tat-tnaqqis attwali - madwar
2.9 miljun bejn l-2019 u l-2024 - mhuwiex biżżejjed biex tintlaħaq il-mira tal-UE,
filwaqt li hemm differenzi kbar fost l-Istati Membri fl-ilħuq tal-miri nazzjonali
tagħhom, fejn l-għadd ta' persuni f'riskju fl-2025 kien ogħla milli fl-2019 fi 11-il Stat
Membru, kif ukoll sfidi persistenti relatati mal-komponenti kollha tal-faqar u l-
esklużjoni soċjali.

10. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI s-sejbiet tal-analiżi tal-ewwel stadju mwettqa mill-Kummissjoni skont il-prinċipji tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali, f'konformità mal-oġġettivi tal-Artikolu 3(3), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2024/1263, li jindikaw b'mod partikolari:
- (i) ix-xejriet kontinwi ta' konverġenza 'l fuq fil-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol;
 - (ii) ir-riskji persistenti għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-iżvilupp tal-ħiliet; u
 - (iii) l-ebda sinjal ta' konverġenza soċjali 'l fuq fir-rigward tar-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, l-inugwaljanza fl-introjt, u l-introjt disponibbli gross reali per capita.
- FILWAQT LI JIEĦU NOTA li, fl-2026, il-Kummissjoni ser tippubblika analiżi dettaljata tat-tieni stadju għal disa' Stati Membri li għalihom ġew identifikati riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq.
11. FILWAQT LI JAFFERMA MILL-ĠDID l-importanza li jissaħħaħ it-tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza biex jiġu vvalutati aħjar l-effetti tar-riformi u l-investimenti fl-oqsma tal-politiki tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u dawk soċjali fuq it-tkabbir ekonomiku u l-produttività, flimkien mal-ilħuq tal-oġġettivi soċjali bħall-parteciġazzjoni fis-suq tax-xogħol u t-tnaqqis tal-faqar.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA, b'kont debitu għall-kompetenzi rispettivi u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità:

12. JAPPELLA lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, jintensifikaw l-isforzi biex isaħħu l-ħiliet u l-politiki tas-suq tax-xogħol li jrawmu l-kwalità tal-impjiegi, jappoġġaw it-tagħlim tul il-ħajja, inkluż it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-adulti biex jindirizzaw in-nuqqasijiet, iżidu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol b'mod partikolari fost gruppi sottorappreżentati u, bħala soluzzjoni komplementari, jattiraw talent internazzjonali permezz ta' migrazzjoni legali ġestita. JAPPELLA lill-Istati Membri, f'dan il-kuntest, biex itejbu l-informazzjoni dwar il-ħiliet u l-għodod ta' tbassir u jintegrawhom aħjar fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika, filwaqt li jagħmlu użu wkoll minn inizjattivi tal-UE bħall-Osservatorju Ewropew tal-Ħiliet, jiffaċilitaw tranżizzjonijiet ta' kwalità minn impjieg għal ieħor, u jintegraw aħjar is-servizzi soċjali u tal-impjiegi.
13. JAPPELLA lill-Istati Membri jaċċelleraw il-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni u inklużjoni soċjali, filwaqt li jiżguraw li dawn jiġu adattati għal forom ġodda ta' xogħol u ħtiġijiet emerġenti, sabiex jiġi żgurat aċċess għal protezzjoni soċjali adegwata, sostenibbli u effettiva għall-ħaddiema kollha - inklużi dawk f'impjieg mhux standard - u għal dawk li jaħdmu għal rashom, u biex jitnaqqsu r-riskji tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, b'mod partikolari fost it-tfal u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, b'mod partikolari permezz tal-inklużjoni attiva. JAPPELLA lill-Istati Membri jżidu, fejn meħtieġ u filwaqt li jqisu l-ispeċifitàjiet nazzjonali, il-forniment ta' akkomodazzjoni affordabbli u assistenza għall-akkomodazzjoni, jindirizzaw il-pressjonijiet tal-kostijiet tal-akkomodazzjoni li qed jiżdiedu, u jintensifikaw l-azzjonijiet biex jipprevjenu u jeqirdu l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar billi jippromwovu l-aċċess għal akkomodazzjoni permanenti bil-forniment ta' servizzi abilitanti bbażati fuq kunċetti bħal li l-akkomodazzjoni għandha tiġi l-ewwel u li l-akkomodazzjoni għandha tkun il-gwida. JAPPELLA lill-Istati Membri jrawmu l-aċċess għal servizzi abilitanti u essenzjali, fosthom l-enerġija, għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli.

14. JISTIEDEN lill-Istati Membri jwettqu regolarment valutazzjonijiet tal-impatt *ex ante* u *ex post* tar-riformi u l-investimenti fl-oqsma tal-impjiegi, tal-ħiliet u tal-politika soċjali, inkluż biex jiġu determinati l-impatti distributtivi tagħhom, pereżempju fost il-gruppi ta' introjtu, il-ġeneru, l-età u r-reġjuni. JISTIEDEN lill-Istati Membri jesploraw, għal dan l-għan, l-opportunitajiet ta' taġlim reċiproku pprovduti mill-Kummissjoni biex tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva, inkluż fil-kuntest ta' Ċentru ta' Għarfien dwar l-Investment Soċjali stabbilit fl-2025.
15. JAPPELLA lill-Istati Membri biex iqisu s-sejbiet tar-Rapport Konġunt 2026 dwar l-Impjiegi meta jimplimentaw il-Pjan Fiskali-Strutturali fuq Terminu Medju tagħhom u jħejju r-Rapport ta' Progress Annwali 2026 relatat tagħhom, f'konformità mal-ħtieġa li jsir rapport dwar il-progress lejn l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fis-Semestru Ewropew.
16. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli tavvanza l-inklużjoni sistematika ta' statistika diżaggregata skont is-sess fil-proposta annwali għal Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, sabiex jiġu identifikati u gradwalment jitnaqqsu d-differenzi li fadal bejn il-ġeneri.
17. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jtejbu d-disponibbiltà, il-puntwalità, il-kwalità u d-diżaggregazzjoni tas-suq tax-xogħol, il-ħiliet u l-istatistika soċjali, biex jappoġġaw il-monitoraġġ fis-Semestru Ewropew kif ukoll l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

18. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tkompli tirrifletti dwar aġġustamenti possibbli għall-analiżi tal-ewwel stadju tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali, kif indikat fil-valutazzjoni mwettqa mill-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali fl-2024. JAPPELLA lill-Kummissjoni tippubblika l-analiżi tat-tieni stadju ferm qabel il-Pakkett tar-Rebbiegħa 2026 sabiex tiffaċilita fehim kondiviż tal-isfidi għall-konverġenza soċjali 'l fuq. JISTIEDEN lill-Kumitat tal-Impjiegi u lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali jeżaminaw is-sejbiet relatati u jinfurmaw lill-Kunsill dwar l-istat tal-konverġenza soċjali fl-Unjoni f'Ġunju 2026.
 19. JAPPELLA lill-Kummissjoni tiżgura pubblikazzjoni f'waqtha tal-Pakkett tar-Rebbiegħa tas-Semestru Ewropew, bil-ħsieb li jiġi appoġġat l-involviment sħiħ tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali fit-tnejn tal-adozzjoni mill-Kunsill ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, adottati abbażi tal-Artikoli 121(2) u 148(4) TFUE.
-